# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Settembru 2023

**Rikors Nru: 83/2021JG**
**Nru fuq il-Lista: 49**

**Essam Bolus (K.I. 144293) u Hala Sabrey Attalia Bolous (K.I. 171510L)**

**vs**

**Mary Camilleri (K.I. 642044M)**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur datat 9 ta' April 2021[1] flimkien mad-dokumenti hemm annessi fejn, *ad litteram*, ġie premess u mitlub hekk:

*1. Illi l-esponenti huwa s-sid tal-fond, ossija appartament numru (6) u li taghmel parti minn "Block C, Bezzina Buildings", Triq Villambrosa,*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess

*Hamrun, li taghha li huwa kein jikri lill-intimata permezz ta' skrittura privata bejn il-partijiet datata 8 ta' Frar 2008, vera kopja annessa u mmarkata 'Dok.A'*

2. *Illi permezz ta' sentenza datata 28 ta' Frar 2019 dan l-Onnorabli Bord kien ordna lil- intimata biex tizgombra mill-apartament fi-zmien perentorju ta' xahrejn mid-data ta' deciza.*

3. *Illi l-intimati kienu intavolaw appell min dik id-decizjoni izda l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tal- 11 ta' Ottubru 2019 cahdet l-aggravji kollha tal-appellant u ikkonfermat is-sentenza appellata fl-intier taghha bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-intimata appellant. Kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, vera kopja annessa u mmarkata bhala 'Dok.B'*

4. *Illi susegwentament, l-intimata zgumbrat il-propjeta.*

5. *Illi fl-ewwel klawzola (1) tal-kuntratt tal-lokazzjoni (Dok.A), il-partijiet kienu ftiehmu illi l-esponent kien se jcedi sitt xhur kera ammontanti ghall- elf tmien mija u sittax il-ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,816.92) sabiex l-inkwilina, l-intimata fil-kaz odjern, jinstalla kcina ghas-spejjez tieghu u li din il-kcina tibqa fil-fond in kwistjoni mat-terminazzjoni tal-kirja.*

6. *Illi minkejja dan, mal-izgumbrament din il-kcina li kellha tibqa fil-fond mat-terminazzjoni tnehhiet mil-post mill-intimata. In vista ta' dan l-esponent talab lil intimat biex ihallas il-kera li kienet ceduta (€1,816.92) u dan ghaliex dik il-klawzola kienet saret specifikament biex issir din l-installazjoni u tibqa hemm ma tmiem tal-lokazzjoni.*

*7. Illi l-esponent kien baghat ittra ufficjali ai fini tal-Artiklu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn interpella lil- intimata biex thallas din il-kera izda l-intimata baqghet inadempjenti u minflok intavolat risposta fejn opponiet it-talba minghajr raguni. Vera kopja ta' l-ittra ufficjali u ir-risposta annessa u mmarkata 'Dok C'.*

*8. Illi ghalhekk l-esponenti ma' kellux triq ohra hlief li jiftah dawn il-proceduri biex jiehu dak li huwa dovut lilu bid-dritt kif gie suespost.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghed jitlob lil dan l-Onnorabbli Bord sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi;*

*1. Jordna lill-intimata thallas s-seomma ta' €1816.92 oltre l-imghax legali mid-data ta' l-izgumbrament mill-fond lill-esponenti*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.*

Ra id-digriet ta' dan il-Bord kif preċedentement presedut data 19 ta' Mejju 2021[2] fejn l-intimata ngħatat terminu ieħor għar-risposta tagħha.

Ra r-risposta tal-intimata datata 4 ta' Ġunju 2021, fejn wara eċċezzjoni li l-azzjoni kienet preksritta skond l-artikolu 2156(c) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ddifendiet ruħha biss billi tgħid lit-talba hija waħda nfondata fil-fatt u fid-dritt.

[2] A fol 26 tal-proċess.

Ra l-affidavit tar-rikorrent Essam Bolus, ippreżentat waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2021[3].

Ra x-xhieda in kontro-eżami tal-istess Essam Bolus[4].

Ra x-xhieda tal-intimata Mary Camilleri[5].

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2022[6] fejn l-intimata rtirat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u saru sottomissjonijiet finali quddiem dan il-Bord kif qabel mpoġġi.

Ra l-ħatra tal-President ta' Malta datata 5 ta' Marzu 2023 magħmula ai termini tal-artikolu 16 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta[7].

Ra l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023 tal-Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn dan il-Bord presedut mill-illum Imħallef Josette Demicoli ġew assenjati lil dan il-Bord kif issa presedut[8].

Ra d-digriet ta' dan il-Bord tal-15 ta' Mejju 2023[9] fejn, minħabba l-fatt lis-sottomissjonijiet finali ma kienux ġew reġistrati fid-data hawn fuq indikata, ordna li dan jerġgħu isiru.

[3] Nota relattiva tinsab a fol 31 tal-proċess.
[4] Imwettaq waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2022 u jibda a fol 35 tal-proċess.
[5] Magħmul fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2022
[6] Verbal a fol 70 tal-proċess.
[7] A fol 72 tal-proċess.
[8] A fol 73 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol 78 tal-proċess.

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2023[10] fejn l-avukati difensuri ddikjaraw li ma kienx hemm ħtieġa ta' trattazzjoni. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssegwi.

Illi r-rikorrent Essam Bolus spjega[11] kif fis-sena 2008 huwa kien daħal f'kuntratt ta' kera ma l-intimata. Huwa kien ċeda l-ewwel sitt xhur tal-kirja bil-patt u kundizzjoni li l-intimata tixtri u tinstalla kċina a spejjeż, liema kċina kellha tibqa fil-fond ġaladarba jispiċċa l-kuntratt. L-intimata baqgħet fil-fond aktar mit-terminu miftiehem u kellha ssir kawża ta' żgumbrament. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-sena 2019, l-intimata ġiet finalment ordnata li tiżgombra mill-fond. Madankollu, meta l-intimata ħarġet mill-fond hija ħadet magħha wkoll l-kċina, bi ksur tal-kuntratt. Għalhekk jippretendi li jitħallas l-kirja li kien ikkonċeda. Jgħid li seta' wkoll jitlob danni iżda għażel li jillimita din l-azzjoni biss għal dak li jqis jirriżulta mill-ksur tal-kuntratt. Jgħid li huwa ħejja ittra uffiċjali, li tinkludi wkoll l-ispejjeż tal-ewwel sett ta' proċeduri għaliex dawn ma tħallsux. Peress li dik l-ittra uffiċjali ġiet imwieġba, nfetħu dawn il-proċeduri.

Illi in kontro-eżami[12], jgħid li l-unika ħaġa mankanti fil-fond meta sar il-kuntratt kien propju l-kċina. Mill-bqija kien hemm kollox, salv għal għamara oħra. Jaqbel li Maria Camilleri ħallset hi sabiex jiġu nstallati. Ma jafx jgħid meta daħlet fil-fond, għalkemm iċ-ċavetta kienet fil-pussess tagħha. Jaqbel li mar magħha għax-

[10] A fol 80 tal-proċess.
[11] Affidavit jinsab a fol 32 tal-proċess.
[12] Dan jibda a fol 35 tal-proċess.

xiri tal-kċina. Wara kollox, jispjega li l-kuntratt ġie ffirmat quddiem nutar. Jibqa' jikkonferma li l-kċina inqalgħet b'vendikazzjoni.

Illi l-intimata xehdet *viva voce*[13], u in eżami tispjega li hija daħelt fil-fond immedjatament wara l-iffirmar tal-kuntratt tant li l-għada tal-iffirmar hija bidlet is-sellatura. Ma kinitx ċerta li l-kċina kienet sejra tiħalla fil-post. Tgħid li meta daħlet, ħasbet li kienet sejra tidħol għal dejjem. Tgħid li ħallset l-ewwel kera f'Ġunju. Tgħid li hija offriet ħlas ta' tlett xhur iżda r-rikorrenti m'aċċettawx. Tgħid li l-flus tagħtohmlu għax ħadet il-kċina. In kontro-eżami tgħid li hija ordnat il-kċina fit-18 ta' Ottubru. Tgħid li hi ma kinitx taf x'kellu f'moħħu. Tgħid li ma setgħetx tgħidlu le waħdu l-iffirmar.

Illi kif rajna il-provi f'din il-kawża huma bażikament id-dikjarazzjonijiet soġġettivi tal-partijiet ta' dak li ġara[14]. Għandu dejjem jibqa' mfakkar li meta

---

[13] Seduta tal-20 ta' Ġunju 2022.

[14] Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia,** (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtoritá, ntqal hekk: *"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa ddmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet."* Issir referenza għal dak li jgħid dwar dan il-ġurist **Piero Calamandrei**, meta bil-mod filosofiku tiegħu dwar xhieda jgħid hekk "*Per la naturale imperfezione dei sensi umani, a causa della quale la percezione anche dei fatti piu semplici e fatalment soggetta a lacune e ad errori, la testimonianza porta sempre con sé, anche quane é resa in buona fede, un fondato sospetto di fallacia, che consiglia di non darle credito senza una preventiva critica che ne valuti l'attendibilitá; d'altra parte assai volte il testimone e tratto quasi istintivamente a lavorar di fantasia sui dati grezzi della sua percezione originaria, a interpretare ed a ricostruire secondo il suo punto di vista soggettivo il fatto al qaule ha assistito, e a considerare infine come immediata constatazione dei sensi qullo che in realtá non é che ilresultato riflesso di una rielaborazione e quindi di un trasformazione delle sensazioni primitive. Il testimone, insomma, rare volte riferisce i fatti come li ha percepiti, ma li riferisce come, in seguiote a cioe che ha perceptio, gli sembra naturale e ragionevole che si siano svolti: con questo egli ha gia fatto per conto suo un giudizio di fatti, che, sia pure inconsciamente, lo induce ad esser parziale. Si aggiunga a tutto questo che rare volte il testimone, al momento in cui ha osservato i fatti, poteva prevedere che egli in*

jseħħ hekk, apparti r-regola ġenerali tal-kredibilita' u verosimiljanza[15], ġudikant għandu jara li jislet[16] minn dawk il-provi mbagħad, xi element oġġettiv[17] li jkun jista' jakkampa miegħu għar-riżoluzzjoni tajba tal-kwistjoni.

---

*seqguito sarebbe stato chiamato a deporre su di essi in giudizio: sicché, quando egli é interrogato, deve contentarsi di ritrovare nel fondo dei suoi ricordi i resti di una impressione vaga e frammentaria, invece di un quadro completo e preciso, quale sarebbe restato nella sua memoria se, al momento in cui i fatti si svolsero, egli vi avesse assistito col senso di responsabilitá e colla conecntrata attenzione di chi si mette ad osservare per riferir cioé che osserva"*– Opere Giurdiche, Vol V, La Chiamata in Garantia e Altri Studi Sul PRocesso di Cognizione e sulle Prove, Roma TrE-PRESS, stampat wara awtorizzazzjoni mill-eredi tiegħu fis-sena 2019, a fol 434.

[15] F'dan is-sens utli li ssir referenza, u li jiġi ċitat l-bran rilevanti b'mod globali, dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' Novembru 1966. Issa, huwa minnu li partijiet minn dan il-bran ġie utilizzat diversi drabi mill-Qrati tagħna, iżda dan it-Tribunal iqis doveruż li, kif diġa indikat, jiċċita l-bran rilevanti kollu. Fis-sentenza intqal hekk: *" Illi huwa veru li hemm konflit kbir bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-konvenut iżda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu iħalli lill-Qorti f'dak li stat ta' perplessitá li minħabba fieħ ma tkunx tista tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa fuq ir-regola tal "in dubio pro reo". Il-konflitt fill-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għal li żbalji tal-perċezjonijiet tiegħu u għall passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati iridu ikunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad li "tot homines tot sententia", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għalarrieda, e.g. identita', veloċita', ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skond l-esperienza komuni, s-sensi jistgħu jitqarqu, imma għal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li ikunu setgħu ġew osservati f'periodu twil ta' snin, bħal f'dan il-kas, allura isir ċar li xi wieħed mill-kontendenti ikun ħalla l-interess u l-passjoni jelbuħ u b'hekk jabbuża mill-proċess tal-ġustizja. Meta il-kas ikun hekk il-Qorti mgħandix taqa' ċomb fuq li skappatoja tad-dubju, imma għanda teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibitlita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitá u tal preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għal konvinċiment tal-ġudikant, eċċezzjoni ta' xi każijiet gravi li mgħandhomx rassomiljanza mal-kas presenti (Formosa untrinque, P.A. 1964, konfermata fl-Appell, 22 ta'Marzu 1965). Anzi f'kasijiet bħal dawn, ikbar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra ikbar tidher il-possibilitá tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*

[16] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Gio Maria Agius vs Giuseppe Agius *et***, (Ċit Nru: 886/85) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-30 ta' Ġunju 1969 fejn ġie ġie mfakkar hekk: *"Illi fl-esperienza forensika, f'kwazi kull process, għal kull min jeżamina l-provi bl-aħjar reqqa, għandha temerġi xi cirkostanza, jew serji ta' cirkostanzi, li tispikka fos il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklussiva, tal-kas".*

[17] Fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Pace *noe* vs Kenward Cole *noe***, (Ċit Nru: 221/95) mogħtija mill-Prim Awla tal-qorti Ċivili nhar is-26 ta' Frar 2001 (mhux appellata fejn ġie mfakkar hekk: *"Il-Qorti tibda billi tirrileva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggjenti, ikollha tirreferi u toqghod mhux biss fuq id-deposizzjonijiet*

Illi f'dan il-każ, huwa ċar li l-kwistjoni taġġira kollha kemm hi mal-fatt li bejn il-partijiet sar kuntratt, u dak il-kuntratt huwa liġi bejniethom[18]. Fil-fehma tal-Bord, il-klawżola hija waħda ċara u ma tħalli l-ebda lok għall-interpretazzjoni[19]. Huwa ċar li l-intendiment kien li l-intimata tħallas hi għal-kċina bil-patt li din tibqa fil-fond mal-egħluq tal-lokazzjoni. Kien għalhekk li r-rikorrenti ħaffru l-ewwel sitt xhur kera. Għalhekk bil-fatt li l-intimata ma qagħditx ma dak hemm stipulat ġiet li hija kisret il-patt maħluq volontarjament bil-kuntratt. Wara kollox *pacta sunt servanda*[20] u dak il-vinkulu[21], ma setax jiġi mħassar jew mibdul unilateralment[22].

Illi bl-aġir tagħha, hija spiċċat debitur tal-obbligazzjoni fir-rigward tar-rikorrenti għaliex għamlet dak li propju ma kienitx awtorizzata tagħmel. Għalhekk, f'għajnejn il-liġi[23] l-intimata hija passabbli għad-danni.

Illi tajjeb jiġi osservat ukoll li fil-veritá l-intimata ma ddifendiet ruħha bl-ebda mod, għajr għal sempliċi eċċezzjoni ġenerika. Dan il-Bord huwa tal-istess fehma ta' xi ġurisprudenza li ma tqisx dik it-tip t'eċċezzjoni bħala vera difiża[24]. Sa fejn

---

*kontrastanti moghtijin mill-partijiet imma testendi l-indagni taghha fuq il-provi dokumentali u/jew indizjarji li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza."*

[18] Artikolu 992(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[19] Artikolu 1002 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[20] *I patti vanno rispettati* – Brocard 3476, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 333.

[21] Dwar dan, il-ġurist **Francois Laurent** jgħid hekk: *"I giureconsulti romani definiscono l' obbligazion <un vincolo giuridico che ci costringe verso un' altra persona a dare, a fare o a non fare qualche cosa>.......L'obbligazione e un vincolo; l'espressione latina e piu energica vinculum"*. – Principii di Diritto Civile, Dotor Leonrdo Vallardi, 1884, para 424, a fol 367.

[22] Artikolu 992(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[23] F'dan il-każ jgħodd l-artikolu 1128 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid hekk: *"Jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed m' għandux jagħmel xi ħaġa, id-debitur li jonqos mill-obbligazzjoni hu obbligat għad-danni minħabba biss li jkun hekk naqas."*

[24] Fost oħrajn, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pamela Fears vs Leo Grech *et,*** (Rik Ġur Nru: 480/2021) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Ottubru 2019 (mhux appellata) fejn, ġustament, ingħad hekk: *"Il-konvenut ma ta l-ebda eċċezzjoni fil-mertu, ħlief dik ġenerika li t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt - li proprjament ma hi eċċezzjoni xejn għaliex eċċezzjoni trid tkun speċifika l-istess bħalma trid tkun l-azzjoni, u dan sabiex il-kontroparti tkun tista' tiddefendi ruħha."* Similment kien ntqal hekk f'sentenza preċedenti u ċioé dik fl-ismijiet **Perit David Anastasi *pro et noe* vs Sarex Ltd *et,*** (65/2016/1)

imbagħad l-intimata tgħid li hija ħassitha sfurzata tiffirma dak il-kuntratt, ma jirriżultax li l-istess qatt ħejjiet xi proċeduri fir-rigward. Anzi, jirriżulta mill-atti li baqgħet fil-post anke wara l-iskadenza tal-kuntratt. Kien biss meta finalment kellha tkun il-Qorti li tordnalha toħroġ mill-fond li għażlet li taqla l-kċina minn posta, b'dannu għar-rikorrenti. Ir-rikorrenti għażlu li jillimitaw dawn għall-ammont ta' kera għal dawk is-sitt xhur oriġinarjament maħfura, skond l-istess klawżola. Għal dan il-Bord ir-rikorrenti kienu ntitolati jipproċedu b'dan il-mod, jekk mhux aktar, f'każ lir-rikorrenti sofrew danni minħabba dak li seħħ.

Illi wara kollox, l-intimata wkoll donnha tammetti li ammont għandu jingħata għaliex kienet lesta li tħallas l-ammont ta' tlett xhur. Fid-dawl tar-rifjut però ma jirriżultax li l-intimata ddepożitat l-ammont il-Qorti[25]. Naturalment minħabba f'hekk ħa jkun hemm riperkussjonijet fuq l-imgħax.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddeċiedi din il-vertenza billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni rimanenti tal-intimata, jilqa' limitatament[26] it-talba tar-rikorrenti u b'hekk jordna lill-intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf, tmien mija u sittax il-Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€1,816.92ċ) bl-imgħax legali mit-8 ta' Frar 2021[27] u dan sad-data tal-pagament effettiv.

---

mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Ottubru 2018 *"Hu minnu li fir-raba' eccezzjoni l-konvenuti qalu li, "it-talbiet attrici jibqghu infondati fil-fatt u fid-dritt". Pero' eccezzjoni bhal dik ma jistax jinghad li tkopri l-eccezzjonijiet li jissemmew f'paragrafu 7 tas-sentenza. Dik l-eccezzjoni ma tistax titqies li tkopri kull tip ta' eccezzjoni li konvenut jista' jaghti. Hi eccezzjoni li ma tpoggix lill-attur f'posizzjoni li jkun jaf x'inhi d-difiza preċiża tal-konvenut u ghalhekk meta l-ewwel qorti tara eccezzjoni bhal dik ghandha minnufih tordna lill-konvenut sabiex jiddikjara b'mod car xi jrid ifisser biha."*

[25] Artikolu 943 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-effetti msemmija fl-artikoli 1173 u 1174 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[26] Il-Bord ma jqisx li l-imgħax jibda mid-data tal-iżgumbrament kif mitlub.

[27] Imgħax mid-data tar-risposta tal-intimata għall-ittra uffiċjali bin-numru 2600/2020 u dan peress li ma ġietx ppreżentata kopja legali tal-ittra uffiċjali bit-timbru tan-notifika. Huwa ċert però li fit-8 ta' Frar 2021, bl-oppożizzjoni tagħha, l-intimata kienet żgur a konoxxenza bil-kontenut tal-ittra, liema att ġudizzjarju ntuża sabiex jintalab ukoll dan l-ammont mertu ta' dawn il-proċeduri.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-intimata[28].

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[28] Artikolu 40 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.